# EŻAMIJIET ANNWALI TA’ L-ISKOLA SEKONDARJA 2002

Taqsima ta’ l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta’ l-Edukazzjoni

**L-Ewwel Sena** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

Isem: ________________________________ Klassi: __________

Istruzzjonijiet lill-kandidati:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub:
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

SKEMA GĦALL-MARKI

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | Tot. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 12 | 20 | 4 | 7 | 7 | 30 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | |

Kummenti

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa s-silta u wieġeb :



Kull maħluq għandu l-jedd li jgħix. Mhux il-bniedem biss għandu l-jedd li jgħaddi ħajtu fil-kwiet u fil-hena. L-annimali wkoll għandhom bħalna l-jeddijiet tagħhom. Madanakollu, dawn sikwit jiddependu mill-qalb tajba jew mill-qalb ħażina tal-bnedmin, minħabba li sikwit il-bnedmin ikollhom f'idejhom id-destin ta' dawn l-annimali msejkna. (par. 1)

Bħalma aħna nweġġgħu, iweġġgħu huma wkoll. Bħalma aħna nħossu u nsibu xi jdejjaqna u jsewdilna qalbna, hekk ukoll huma. U forsi aktar ukoll, għaliex ħafna minnhom huma sensittivi għal kull ħaġa. Nistħajlu ftit kemm ibati għasfur jew kull annimal ieħor li jsib lil min jaħqru jew joqtlu. Nistħajlu ftit xi nħossu aħna meta mqar inweġġgħu ftit. (par. 2)

Huwa dmir ta' kulħadd, tal-Gvern u tal-Knisja, li jiddefendi l-jeddijiet ta' l-annimali. Huma m'għandhomx leħen, kif għandna aħna, biex jinstemgħu. Irridu nkunu aħna li ma nħallu lil ħadd jaħqarhom, u li nieħdu ħsiebhom u nedukaw lil min ma jafx. (par. 3)

L-edukazzjoni ta' l-istudenti fl-iskola tinkludi l-imħabba u l-ħarsien ta' l-annimali. Huma għandhom jgħixu mal-bnedmin u għall-bnedmin, jekk jiddependu mill-bnedmin. Dan hu wkoll kmandament – minsi – ta' Alla. (par. 4)

(Minn *Sagħtar* 1993)

## A. FEHIM IT-TEST (12-il marka)

1. X'jedd għandu kull maħluq? (par. 1)

   ____________________ (marka)

2. Minn xiex jiddependu l-jeddijiet ta' l-annimali? (par. 1)

   ____________________ (marka)

3. X'taħseb li tfisser : *il-bnedmin għandhom f'idejhom id-destin ta' dawn l-annimali msejkna*? (par. 1)

   ____________________

   ____________________

   ____________________ (2 marki)

4. L-annimali jweġġgħu, iħossu u jsibu xi jdejjaqhom, bħall-bnedmin, *u forsi aktar ukoll*. (par. 2) Għaliex?

________________________________________ (2 marki)

5. Agħti eżempju ta' annimal jew kreatura oħra li tinħaqar mill-bniedem.

________________________________________ (marka)

6. Għaliex irridu nkunu aħna li ma nħallu lil ħadd jaħqarhom? (par. 3)

________________________________________ (marka)

7. Agħti eżempju kif taħseb li nistgħu nedukaw lil min ma jafx iħares l-annimali.

________________________________________ (2 marki)

8. Għaliex taħseb li t-tħaris ta' l-annimali jissejjaħ *kmandament minsi*? (par. 4)

________________________________________ (2 marki)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (20 marka)

### GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA

1. Agħti l-plural ta' dan il-kliem, u immarka hux sħiħ jew miksur (ara l-eżempju) :

| Kelma | Plural | Sħiħ | Miksur |
|---|---|---|---|
| eż: annimal | annimali | ✓ | |
| qalb | | | |
| dmir | | | |
| leħen | | | |

(6 marki)

2. Mill-kliem li ġej immarka b'**ċirku** ż-żewġ kelmiet li qegħdin fl-Għadd Imtenni :

rejiet, sieq, kelmtejn, kliem, elfejn

(2 marki)

3. Imla l-artiklu fil-vojt :

Aħna ___ Maltin bħala poplu nħobbuhom ___ annimali. Issib min iżomm *pets* komuni bħall-klieb u ___ għasafar. Imbagħad issib min ikollu annimali mhux tas-soltu bħax-xadini jew ___ sriep. (4 marki)

### LESSIKU/VOKABULARJU

4. Fisser dan il-kliem :

(i) jedd (par. 1) ________________________________________

(ii) dmir (par. 3) ________________________________________

(2 marki)

## ANALIŻI TESTWALI

5. *…jiddependu mill-qalb tajba jew mill-qalb ħażina tal-bnedmin.* (par. 1)

   Sib aġġettiv minn din is-sentenza, u imla l-vojt kif mitlub :

| Aġġettiv | Komparattiv | Superlattiv |
|---|---|---|
| | | |

(3 marki)

6. *f'idejhom* (par. 1) – Ikteb il-parti tal-kelma li turi l-Għadd Imtenni. _________ (marka)

## SINTASSI

7. Ikteb din is-sentenza fil-femminil :
   (i) It-tifel għandu żiemel u l-ħabib għandu kelb.
   (ii) ________________________________________________ (2 marki)

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (4 marki)

### QWIEL U IDJOMI

1. Ikteb qawl, minn dawk li studjajt din is-sena, li juri kemm Alla jieħu ħsieb il-bniedem.
- ________________________________________________

2. Imla l-vojt biex tkompli l-idjomi li juru kulur.
- Wiċċ il-missier sar aħmar _______________ bil-mistħija waqt li t'ibnu sar isfar _______________ bil-qatgħa.

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (7 marki)

F'Malta hawn min juri l-imħabba tiegħu lejn l-annimali b'diversi modi.

Ikteb seba' eżempji :

1. ________________________________________________
2. ________________________________________________
3. ________________________________________________
4. ________________________________________________
5. ________________________________________________
6. ________________________________________________
7. ________________________________________________

## E. TIFTIX – TRAWWIM KULTURALI (7 marki)

Ikteb madwar 60 kelma dwar **tema** konnessa mal-Folklor Malti li ltqajt magħha int u taħdem il-proġett kulturali ta’ din is-sena.

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

## F. LETTERATURA (30 marka)

POEŻIJA: NADRIET 1

1. Aqra din il-poeżija u wara imla skond kif meħtieġ :

Ħabib, kun af li qabel Alla sawwar
lid-dinja bil-ġmiel tagħha ħolom ħolma
t’għelieqi, ta’ widien, għoljiet u xmajjar,
kif jagħmel kull artist qabel ma jsawwar.
Għalhekk meta tmur timxi fil-kampanja, ftakar sewwa
illi qed timxi ġewwa l-ħolma t’Alla;
irfes bil-mod, imxi bis-skiet u l-qima,
kif timxi ma’ pjanist meta bil-pjanu
jieħdok bil-ħlew fil-ħolma ta’ Chopin
u d-dinja tiegħu.

Din hi waħda mill-poeżiji li studjajt din is-sena. Jisimha ____________________ u kitibha Anton ____________________ magħruf bħala l-Poeta tan-Natura.

F’din il-poeżija l-poeta ____________________ (Malti/Għawdxi) qiegħed iqisna bħala ____________________ (oppost ta’ għedewwa) tiegħu u jgħidilna li qabel ____________________ ħalaq id-dinja, ħolom. Alla hu ____________________ (tixbih ma’ xi ħadd). Għalhekk ikompli jgħidilna biex meta mmorru xi passiġġata fil-____________________ nirfsu bil-mod kif jagħmel ____________________ meta jdoqq xi biċċa mużika ta’ Chopin. (8 marki)

2. Permezz tal-poeżija l-poeta jurina l-mumenti ta' ferħ/niket li jkun qed iħoss. Uri kemm dan hu minnu billi, f'madwar 4 versi, tirreferi għal **WAĦDA** minn dawn il-poeżiji li studjajt din is-sena : *Lil Ommi* ta' Rużar Briffa, *Bjuda* ta' Dun Karm, *Il-Bikja tal-Buskett* ta' Oliver Friggieri.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (4 marki)

AKTAR NADRIET POETIĊI

3. Agħżel poeżija **WAĦDA** mil-lista u f'madwar 3 versi għid għaliex għoġbitek :

| |
|---|
| distanza – Tarċisju Zarb, Il-Ħerża – Marjanu Vella, Tristis Est Anima Mea – Rużar Briffa, Dik Mewġa! – Anastasju Cuschieri, Xmara Ħamra, Bruka Xiħa – Victor Fenech, Raħal Twelidi – Karmenu Vassallo, Il-Kebbies Tal-Fanali – Anton Buttigieg, Xita – Mary Meylak |

Isem il-poeżija - ____________________ Isem il-poeta - ________________________

Il-poeżija għoġbitni għaliex ________________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (3)

PROŻA

4. Stejjer tal-Linka - Tarċisju Zarb

Ikteb f'madwar 6 versi fuq **WAĦDA** mill-kitbiet li nsibu fit-taqsima *L-Iskola*. (5 marki)

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

5. Meta Jaqa' ċ-Ċpar ta' Trevor Żahra

Irrakkonta f'madwar 6 versi dwar l-ambjent li sabu ruħhom fih it-tfal meta marru lura fil-passat. (5 marki)

6. Wieġeb (a) jew (b)

(a) L-istorja *Ix-Xiħ tal-Bastun* mill-ktieb ta' Ġorġ Borg *Stejjer minn Tarf ir-Raħal* tintemm hekk *…ix-xwejjaħ tal-bastun kien ħalla l-firma tiegħu fuq il-koxxa tal-bieb.* Għid x'ġara f'madwar 6 versi.

**JEW**

(b) Fl-istorja *Toninu* fil-ktieb *Fra Martin u Novelli Oħra* ta' Ġużè Chetcuti naraw li l-qniepen kienu saru parti minn ħajjet Toninu. Uri kemm dan hu minnu f'madwar 6 versi.

(5 marki)

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Ikteb madwar 150 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn fl-ispazju mogħti f'paġna 8 :

1. L-aktar programm favorit tiegħi fuq it-televixin Malti.
2. Immaġina li int annimal. Agħti l-ħsibijiet tiegħek dwar ħajtek.
3. Il-*pets* tagħna.
4. Djalogu bejn amorin u kelb.
5. Ikteb dwar 3 annimali li saru magħrufin permezz ta' films u stejjer.